**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 21 ta' Marzu 2012 (27.03)
(OR. en)**

**18595/11
ADD 1**

**PV/CONS 80
JAI 949
COMIX 841**

**ADDENDUM għall-ABBOZZ TA' MINUTI**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | **It-3135** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI**), li saret fi Brussell fit-13 u l-14 ta' Diċembru 2011 |

## PUNTI TA' DELIBERAZZJONI PUBBLIKA[1]


**Paġna**

**PUNTI TAL-AĠENDA (dok. 18282/11 OJ/CONS 79 JAI 934 COMIX 821)**

Item 2. - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen
- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 sabiex jipprovdi regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali ........ 4

Item 3. Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa ........ 4

Item 4. Sistema Ewropea Komuni tal-Asil ........ 5

Punt 5.: Qafas Finanzjarju Pluriennali mill-2014 sal-2020 ........ 5

a) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni 'Il-bini ta' Ewropa miftuħa u sigura: il-Baġit tal-Affarijiet Interni għal bejn l-2014 u l-2020'

b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi

c) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża

d) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji

e) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil u l-Migrazzjoni


[1] Deliberazzjonijiet dwar l-atti leġislattivi tal-Unjoni (l-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea), deliberazzjonijiet oħrajn miftuħin għall-pubbliku u dibattiti pubbliċi (l-Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill).

Item 13. Inizjattiva tar-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Renju tal-Isvezja għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali ........................................ 6

Item 14. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità ........................................ 6

Item 15. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-atti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni ........................................ 7

Item 16. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (Tfassil mill-ġdid) ........................................ 7

Item 17. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ ........................................ 8

Item 18. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat fi proċedimenti kriminali u dwar id-dritt ta' komunikazzjoni mal-arrest ........................................ 8

Item 19. Qafas Finanzjarju Pluriennali mill-2014 sal-2020 ........................................ 8

a) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-perijodu mill-2014 sal-2020 l-programm tal-Ġustizzja
b) Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-perijodu mill-2014 sal-2020 l-programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza

°

° °

**DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI**

***(Deliberazzjoni pubblika konformement mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)***

**2. - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen**

**- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 sabiex jipprovdi regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali**

– Sitwazzjoni attwali

18196/1/11 REV 1 SCHENGEN 61 SCH-EVAL 217 FRONT 195 COMIX 810 CODEC 2331

Il-Presidenza, abbażi tad-diskussjoni waqt l-ikla ta' nofsinhar, ikkonkludiet li kien hemm appoġġ wiesa' għall-approċċ stabbilit fid-dok. 18196/1/11 li kien maqbul għandu jipprovdi l-bażi għall-ħidma taħt il-Presidenza li ġejja. Il-ħtieġa li tiġi riżolta l-kwistjoni tal-bażi legali wkoll ġiet innutata.

Il-Presidenza nnutat ukoll li kien hemm appoġġ għas-suġġeriment li l-Kumitat Imħallat għandu jkollu rwol ġdid u msaħħaħ sabiex jagħti gwida u tmexxija politika taż-żona ta' Schengen.

**3. Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa**

– Ċerti kwistjonijiet

17924/2/11 REV 2 VISA 255 CODEC 2267 COMIX 793

Il-Kunsill adotta l-approċċ ġenerali stabbilit fid-dok. 18775/11 dwar il-mekkaniżmu ta' sospensjoni li jinsab fl-Artikolu 1(2) tal-abbozz ta' Regolament (l-Artikolu 1a ġdid).

**4. Sistema Ewropea Komuni tal-Asil**

— Sitwazzjoni Attwali

18170/11 ASILE 130 CODEC 2321

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress tas-sitwazzjoni attwali tal-proposti leġislattivi li jinkludu s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u ta struzzjoni lill-korpi preparatorji tiegħu biex ikomplu l-ħidma bil-ħsieb li jilħqu ftehim kemm fil-Kunsill kif ukoll bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

**5. Qafas Finanzjarju Pluriennali mill-2014 sal-2020**

a) **Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni 'Il-bini ta' Ewropa miftuħa u sigura: il-Baġit tal-Affarijiet Interni għal bejn l-2014 u l-2020'**

17284/11 JAI 850 CADREFIN 145 COMIX 748

b) **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Fond għas-Sigurtà Interna u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi**

17285/11 JAI 851 CADREFIN 146 ENFOPOL 407 ASIM 123 PROCIV 155 CODEC 2139

c) **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża**

17290/11 JAI 854 FRONT 175 VISA 239 CADREFIN 148 CODEC 2142 COMIX 749

d) **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji**

17287/11 JAI 852 ENFOPOL 408 PROCIV 156 CADREFIN 147 CODEC 2140 COMIX 754

+ COR 1

e) **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil**

17289/11 JAI 853 ASIM 124 MIGR 188 ASILE 118 CADREFIN 151 CODEC 2141

— Preżentazzjoni mill-Kummissjoni u l-ewwel skambju ta' fehmiet

Il-Presidenza nnutat li l-proposti tal-Kummissjoni kienu milqugħa b'mod wiesa' u stiednet lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex jiżgura l-eżami tal-proposti fil-korpi preparatorji relevanti tal-Kunsill.

**13. Inizjattiva tar-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Renju tal-Isvezja għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali**

– Approċċ ġenerali

18225/1/11 REV 1 COPEN 356 EUROJUST 212 EJN 181 CODEC 2339
+ ADD 1

Il-Kunsill approva l-approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Direttiva kif stabbilit fid-dok. 18225/1/11 REV 1 + ADD 1.

**14. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità**

– Approċċ ġenerali

18241/11 DROIPEN 154 JUSTCIV 349 ENFOPOL 460 DATAPROTECT 150
SOC 1086 FREMP 113 CODEC 2348
+ ADD 1
+ ADD 2

Il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali dwar il-pakkett ta' kompromess kif propost mill-Presidenza. EL iddikjarat li hija żżomm riżerva dwar l-Artikolu 7(3), u l-Kummissjoni żżomm għadd ta' riżervi, kif indikat fin-noti ta' qiegħ il-paġna. L-eżitu tal-proċedimenti huwa stabbilit f'18691/11. Abbażi ta' dan l-approċċ, il-Presidenza li jmiss ser tibda negozjati mal-Parlament Ewropew.

**15. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet u l-atti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni**

– Qbil ġenerali dwar it-test tal-Artikoli
18475/11 JUSTCIV 356 CODEC 2397
+ ADD 1

Il-Kunsill:

(a) innota li kien hemm qbil wiesa' ferm dwar it-test tal-Artikoli kif stabbilit fid-dok. 18475/11;

(b) qabel li ħidma futura dwar l-eċċezzjoni relatata mal-ħatra u s-setgħat ta' amministratur tal-patrimonju jew eżekutur tat-testment ser issir kif imsemmi fid-dok. 18475/11;

(c) qabel li hija meħtieġa ħidma futura dwar l-eċċezzjoni relatata mar-radd ta' rigali mogħtija tul il-ħajja u li tali ħidma tista' tkun ibbażata fuq l-elementi msemmija fid-dok. 18475/11, mingħajr preġudizzju għas-soluzzjoni finali dwar il-kwistjoni u

(d) stieden lill-Kummissjoni biex tniedi l-ħidma preparatorja dwar reġistru elettroniku għaċ-Ċertifikati Ewropej tas-Suċċessjoni

**16. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (Tfassil mill-ġdid)**

– Qbil dwar ċerti elementi
17402/11 JUSTCIV 326 CODEC 2159
+ REV 1 (hu)
+ REV 2 (da)

Il-Kunsill innota:

(a) li kien hemm qbil ġenerali dwar il-linji gwida ta' politika għall-ħidma futura kif stabbilit fid-dok. 17402/11 + ADD 1,

(b) li l-ħidma dwar ir-Regolament propost għandha tkompli abbażi ta' dawn il-linji gwida ta' politika.

**17. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ**

– Sitwazzjoni attwali

18552/11 JUSTCIV 358 CONSOM 215 CODEC 2425

Wara dibattitu estensiv, il-Kunsill ħa nota tar-rapport tal-Presidenza.

**18. Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt ta' aċċess għal avukat fi proċedimenti kriminali u dwar id-dritt ta' komunikazzjoni mal-arrest**

– Rapport mill-Presidenza

18215/11 DROIPEN 152 COPEN 355 CODEC 2335

Il-Kunsill kien infurmat mill-Presidenza dwar il-progress li sar fir-rigward ta' dan il-fajl.

**19. Qafas Finanzjarju Pluriennali mill-2014 sal-2020**

a) **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-perijodu mill-2014 sal-2020 l-programm tal-Ġustizzja**

17278/11 JAI 849 CADREFIN 144 DROIPEN 142 COPEN 334 CATS 122 JUSTCIV 324 EJUSTICE 90 JURINFO 62 CORDROGUE 81 CODEC 2129

b) **Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-perijodu mill-2014 sal-2020 l-programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza**

17273/11 JAI 848 CADREFIN 143 FREMP 105 DATAPROTECT 133 CULT 108 SOC 1020 CODEC 2125

– Preżentazzjoni mill-Kummissjoni u l-ewwel skambju ta' fehmiet

Il-Kummissjoni ppreżentat il-programmi. Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni.

=================